Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

MT Is-serje L

2024/1526 27.6.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 34/2024

## tat-2 ta' Frar 2024

## li temenda l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2024/1526]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1862 tal-4 ta' Ottubru 2022 li jistabbilixxi l-listi tal-ismijiet tad-dominju riżervati u mblokkati fil-qafas tad-dominju tal-ogħla livell.eu f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/517 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, [1]kif rettifikat minn ĠU L 239, 28.9.2023, p. 40, għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XI tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 5oae (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1878) tal-Anness XI tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"5oaf. **32022 R 1862**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1862 tal-4 ta' Ottubru 2022 li jistabbilixxi l-listi tal-ismijiet tad-dominju riżervati u mblokkati fil-qafas tad-dominju tal-ogħla livell.eu f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/517 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 259, 6.10.2022, p. 3), kif rettifikat minn ĠU L 239, 28.9.2023, p. 40."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 2022/1862, kif rettifikat permezz tal-ĠU L 239, 28.9.2023, p. 40, bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-3 ta' Frar 2024, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Frar 2024.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Nicolas VON LINGEN

(1) ĠU L 259, 6.10.2022, p. 3.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.